KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgha u Sebgħin (79)***

***It-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-KUNSILLIERA ROSE AGIUS

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**79.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

79.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji.

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

79.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 78 li nzammet nhar il-Hamis 15 ta' Frar 2018.

79.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 78 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

79.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 78. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 78 gew approvati unanimament.

79.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgha Annwali li nzammet il-Hamis, 15 ta' Frar 2018.

79.2.5 Il-Minuti tal-Laqgha Annwali tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

79.2.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Annwali. Il-Minuti tal-Laqgha Annwali gew approvati unanimament.

**79.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 79/2018 – Marzu 2018***

79.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 79-2018 biċ-ċekkijiet numru 5964 sa 6006 li tammonta €24,178.47

79.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll ghall-approvazzjoni il-pagament tal-pulizija relatat mal-attivitajiet tal-Karnival li jammonta €774.02, il-pagament ta' Sebio Aquilina li jammonta €175 relatat mar-ritratti li ttiehdu waqt l-attivita' tal-Karnival kif ukoll il-pagament tal-gurija li jammonta €150.

79.3.3 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 79-2017 bl-ammont ta' €24,178.47 flimkien mal-pagamenti imnizzla f'materja numru 79.3.2

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Emanuel Vassallo

79.3.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 79-2017 flimkien mal-pagamenti imnizzla f'materja numru 79.3.2 gew approvati unanimament.

**79.4 Attivitajiet Jum Hal Ghaxaq 2018**

79.4.1 Is-Sindku Darren Abela qal li l-attivita' tac-*Cheese and Wine* se ssir is-Sibt 21 ta' April 2018. Ghaldaqstant se ssir laqgha nhar il-Gimgha sabiex niddiskutu dwar l-andament ta' l-attivita'.

79.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li hemm xi persuni interessati ghall-istands tal-artigjanat.

79.4.3 Is-Sindku qal li se jikkonferma id-data ghall-mobile dental unit li pjanat li jssir it-Tnejn 16 ta' April 2018.

79.4.4 Is-Sindku qal ukoll li se tigi kkonfermata d-data meta se ssir il-harga tat-tfal u tal-anzjani fejn it-tfal imorru Kastilja u l-anzjani imorru l-Parlament.

79.4.5 Il-Gimgha 20 ta' April 2018 tista ssir l-attivita' mat-tfal fejn itajru t-tajr li jaghmlu huma stess. Din l-attivita' ghandha issir gol-ground il-kbir.

79.4.6 Is-Sibt 21 ta'April 2018 ghandu jsir it-tournament tal-futbol u tal-Bocci filwaqt li r-Riceviment isir il-Hadd 22 ta' April 2018 fil-11am.

79.4.7 Dwar dan il-programm kien hemm qbil unanimu.

**79.5 Progett Bandli**

79.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti tal-bandli. Infurmat li l-istima issa telghet ftit iktar u pproponiet ukoll li l-kumplament tal-ammont li mhux se jigi ffinanzjat mill-Enemed, jista jigi ffinanzjat mill-UIF Funds.

79.5.2 Rigward it-Tender infurmat li qed isir ix-xoghol sabiex jinhareg it-tender, u infurmat li se jkun qieghed jinhareg tender wiehed izda bhala *playingfield equipment* jintalbu *options* differenti. Dwar dan hadd ma kellu oggezzjoni.

**79.6 CCTV fil-lokal**

79.6.1 Tressqet kwotazzjoni sabiex jitwahhlu cameras fi Triq Guzeppi Demicoli minhabba rimi ta' skart illegali. L-istima ghal dawn ix-xoghlijiet hija ta' €1647.28.

79.6.2 Is-Sindku Darren Abela qal li tkellem ma resident li joqghod fl-inhawi fejn offra li jissuplixxi id-dawl lill-Kunsill Lokali.

79.6.3 Il-Kunsill approva unanimament l-istima imsemmija f'79.6.1

79.6.4 Tressqet ukoll stima rigward *cameras solar*. Din ghandha tinzamm sakemm ikun hemm il-bzonn li ssir camera bhalha.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda is-Sur Twanny Agius li kiteb ktieb dwar Sqaq il-Kappillan.*

Is-Sur Twanny Agius ta spjegazzjoni tal-kontenut tal-kitba tieghu kif ukoll talab lill-Kunsill sabiex jekk hemm l-interess dan il-ktieb jigi ppublikat. Is-Sur Twanny Agius pprezenta ukoll stima sabiex jigi ppublikat. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li jippublika dan il-ktieb wara li jkun sar *proof reading* tajjeb tieghu.

*Is-Sur Twanny Agius hareg mill-kamra.*

**79.7 Korrispondenza**

*F'dan l-istadju tal-laqgha attendew is-Sinjuri Paris, flimkien mal-Perit sabiex jigi diskuss maghhom l-applikazzjoni PA/00421/18*

79.7.1 Il-Perit ta spjegazzjoni tal-pjanti tal-applikazzjoni u wara diskussjoni il-Kunsill qabel li ghandu jzomm l-istess pozizzjoni izda ghandu jippreciza mal-PA li mhux kontra dan l-izvilupp sakemm jigu ppreservati il-karatteristici storici li hemm fis-sit.

*Is-Sinjuri Paris u l-Perit taghhom hargu mill-kamra.*

79.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li gew rimborsati l-iskemi tar-Regjun rigward bankini, share of profit, distribution u dawl tal-Milied. L-ammont huwa ta' €8,713.02

79.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet talba sabiex fuq Santu Rokku jsir parkegg fil-hinijiet tad-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola. Wara diskussjoni, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni sabiex l-karozzi jithallew jipparkjaw fuq Santu Rokku waqt il-hinijiet tad-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola bir-rizultat:
Favur : 1 (Darren Abela)
Kontra: 3 (Emanuel Vassallo, Keith Fenech, Miriam Schembri)

Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li ghandha titiehed konsiderazzjoni li meta jsir il-progett ta' Santu Rokku, isir parkegg tahtu.

Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li tintbaghat ittra l-Klabb tal-bocci sabiex ma jibqax isirx parkegg fuq Santu Rokku meta ma jkunx hemm loghob. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha titwahhal bollard u tinghata cavetta lill-Kumitat tal-Bocci sabiex tinfetah biss meta jkun hemm il-loghob.

79.7.3 Wara li ntbaghtet korrispondenza sabiex jigi terminat il-kuntratt tal-knis, tressqet talba minghand il-kuntrattur sabiex dan jigi mgedded sa l-ahhar ta' dan ix-xahar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

79.7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li qed ikun hemm diversi ilmenti minghand diversi residenti dwar il-gbir tal-iskart. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ntbaghtet ittra formali lill-kuntrattur sabiex jirregola l-pozizzjoni tieghu. Is-Sindku Darren Abela qal li ltaqa' mal-kuntrattur fejn gew diskussi dawn l-ilmenti. Il-Kunsill qabel unanimament li minhabba dawn id-diversi ilment u l-kuntrattur gie notifikat, ghandha tinhareg default notice.

79.7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza minghand it-TM rigward l-approvazzjoni sabiex isiru il-bankini fi Triq il-Belt Valletta.

79.7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li se jigi ppublikat it-tender tal-Perit kif ukoll it-tender tal-Bulky Refuse. Is-Sindku Darren Abela ppropona li tizdied gurnata ohra u s-servizz jibda jsir it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha minhabba d-domanda li minn zmien ghal zmien qed tikber. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

79.7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li wara laqgha li kellu is-Sindku inghatajna l-parir li jinhareg it-tender tal-Mizura 4.3 u il-Kunsill qabel li jitlob estensjoni tad-*deadline* sabiex isiru ix-xoghlijiet.

79.7.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-kumpanija Wasteserv se tkun qed tibghat il-kuntratt il-gdid fejn infurmatna li l-Wasteserv se jkunu qed ihallsu ukoll gabra ohra li ssir matul il-gimgha tal-borza organici.

79.7.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet talba sabiex isiru *First aid courses* fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 79.8 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

79.8.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar talba sabiex il-parti ta' gewwa ta' Triq il-Barklor titwitta' bit-terrapin. Il-Kunsill approva

79.8.2 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-patching mhux qed jirrispondi ebda kommunikazzjoni li qed issirlu kemm permezz ta telefonati u anki *emails*. Ghaldaqstant ppropona li jitwaqqaf it-tender wara li titlesta Triq il-Gardell. Sadanittant ghandhom jingiebu kwotazzjonijiet sabiex isir patching fi Triq Santa Marija minhabba l-Gimgha l-Kbira. Dwar dan il-Kunsill qabel.

79.8.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-vann tal-haxix li qed jipparkja fi Vjal il-Labour. Is-Sindku qal li kellmu kemm il-darba minhabba li qed johloq ostaklu u wissieh li se jsir rapport lill-pulizija.

**79.9 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

Hadd mill-Kunsillieri ma kellu mistoqsijiet.

**79.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

79.10.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 10 ta' April 2018 fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-20:30

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |